MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1455/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'  estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Bartholomeo Borg abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi**

**vs**

**Alexandra Morris**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2003 fejn intalab l-hlas ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm193.46) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Bartholomeo Borg assikurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom**

ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku illi sehh fit-18 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tat-12.15p.m. gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur Bartholomeo Borg, bin-numru ta' registrazzjoni HAU 228 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni FA804RVW, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2003 u l-pubblikazzjoni relattiva, u wkoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment mat-talba lis-socjeta' assikurattrici Untours Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta' estera Qatar Insurance Company, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta fit-18 ta' Settembru, 2003 fejn intqal:
Dak li talbet is-socjeta' attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienetx tahti hi.
Sema' x-xhieda ta' Luciano Caruana, Alison Borg, Alexandra Morris, PC 678 Bernard Bruce. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' d-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Jannar, 2002 fi Triq in-Naxxar, B'Kara ghal habta tat-12:15p.m. bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAU 228 propjeta' ta' l-attur u l-vettura FA804RVW misjuqa mill-konvenuta.
2. Jirrizulta illi l-vettura tal-konvenuta kienet parkeggjata go Naxxar Road. Il-konvenuta fil-vettura maghha kellha lit-tifel u kienet parkeggjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq ftit l-boghod mill-iskola Little Angels fejn kienet ser tiehu lil binha. Jirrizulta illi

**f'mument minnhom il-konvenuta fethet il-bieba u din intlaqtet mill-vettura ta' l-attrici li kienet niezla f'Naxxar Road miexja fid-direzzjoni ta' Birkirkara.**

**3. Alison Borg is-sewwieqa tal-vettura HAU 228 qalet li meta waslet hdejn il-konvenuta, din fethet il-bieba tal-lemin ta' quddiem u hi ma setghetx tevitaha. Gie rilevat li l-vettura tal-konvenuta kienet qed thares fl-istess direzzjoni li fiha kienet sejra l-attrici. L-istess Alison Borg qalet li meta fethet il-bieba l-konvenuta hi kienet waslet ezatt hdejha u ma setghetx tigbed lejn in-naha l-ohra peress li kienu gejjin il-karozzi. L-istess xhud tghid li kienet miexja bil-mod. Alison Borg kellha d-daqqa taghha fuq ix-xellug. Skond Alison Borg hi waqfet mal-habta pero' wara baqghet sejra peress illi l-konvenuta bdiet tghajjat.**

**4. Il-konvenuta Alexandra Morris tispjega illi dak in-nhar ta' l-incident kienet ipparkjat f'Naxxar Road in-naha tax-xellug ftit l-boghod mill-iskola. Wara li pparkjat tghid li harset fil-mera tal-genb, u rat li ma kienux gejjin karozzi u fethet il-bieba, harget saqajjha u daret biex iggib quddiem it-tifel li kien wara biex johrog mill-bieba taghha. Il-konvenuta tghid illi kif kienet b'saqajjha ma' l-art darha lejn it-triq qed iggib it-tifel mill-karozza semghet hoss warajha u l-bieba ngibdet u mmullat lura fuqha. Il-konvenuta tghid li l-attrici baqghet sejra. Spjegat illi wara xi ghoxrin minuta l-persuna li laqtitha giet lura biex tara x'gara u minn hemm marru l-ghassa. Skond il-konvenuta l-attrici kienet ghaddejja b'velocita'. Il-konvenuta tghid li kellha viswali mhux hazin u qabel ma harget rat li karozzi ma kienx hemm.**

**5. It-Tribunal ikkunsidra illi mill-entita' tad-danni li garrbu l-vetturi ma kienx hemm xi velocita' eccessiva da parti ta' l-attrici. Mil-lat l-iehor it-Tribunal ikkunsidra illi l-konvenuta qabel ma harget mill-vettura u qabel ma fethet il-bieba kienet rat li karozzi mhumiex gejjin. It-Tribunal hu konvint illi l-manuvra tal-konvenuta, manuvra li fic-cirkostanzi tenut kont li kienet qieghda tohrog lit-tifel minn hemm ma kienet xejn felici, kienet manuvra li necessarjament hadet xi hin. Ghandu jinghad li l-konvenuta wara li fethet il-bieba kellha tohrog il-karozza, iddur b'wiccha l-gewwa**

**biex tigbor it-tarbija minn wara. Ghalhekk ma jistax ikun li l-bieba nfethet f'salt quddiem Alison Borg. Li kieku kien hekk, l-attrici kien ikollha ragun, pero' jidher li l-bieba kienet miftuha ghal xi ftit sekondi.**

**6. Apparti minn dan jekk wiehed jara d-danni li garrbu l-vetturi d-daqqa li ghandha l-vettura ta' l-attur fix-xewka, l-kantuniera u l-mudguard in-naha tax-xellug huma sintomatici ma' daqqa rizultanti minn bieba miftuha peress illi d-daqqa kienet tkun aktar fil-genb li kieku l-bieba kienet qed tinfetah.**

**7. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis li l-incident gara unikament tort ta' l-attrici li ma pprestatx proper look out ghal vettura tal-konvenuta li kienet gia bil-bieba miftuha u fic-cirkostanzi l-konvenuta m'ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghall-incident li sehh.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni ma kienetx tahti l-konvenuta, t-Tribunal qed jichad it-talba attrici.**

**Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------